MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Awwissu, 2008

Numru 756/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Carlo Ellul**
v

**ABDILOHAB YASIN BDIREE**
**OMMISIS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ABDILOHAB YASIN BDIREE** bin Yasin u Zara nee Biled, imwieled Tripoli fis-sena 1988 u residenti Sliema u bla ebda mezz t'identifikazzjoni gie mressaq quddiemha nhar l-erbatax t'Awwissu 2008 akkuzat talli fit-tlettax (13) t'Awwissu 2008 ghall-habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija (7.30pm) gewwa Ta' Sliema, kkommetta, flimkien ma persuna ohra, serq ta' hand bag, liema serq huwa kkwalifikat fil-valur u dan ghad-detriment tas-Sinjura Seda Kankaya.
In oltre talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa,

mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement ikun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom kopja tal-okkorrenza relattiva bhala Dok. CSH, u l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat bhala Dok. CSH 1 u Dok. CSH 2.

Semghet **l-ammissjoni tal-imputat ABDILOHAB YASIN BDIREE**, permezz ta' l-interpretu mahtur mill-Qorti Galal Belaama, liema ammissjoni tinsab registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-erbatax t'Awwissu 2008, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tieghu u dan meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil prosekuzzjoni tiddikjara li t-tieni (2) akkuza hija dik alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza u stante l-ammissjoni volontarja u spontanja ta' l-imputat ghal ewwel akkuza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni (2) akkuza.

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-Artikolu 261(3) u 267 u 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **u wara li tiddikjara li qed issib lill-imputat ABDILOHAB YASIN BDIREE hati ta' l-akkuza ta' serq kif aggravat bil-valur, li jeccedi l-mitejn tlieta w tletin (233) Euro ekwivalenti ghal mitt lira maltin, tiddeciedi li tikkundannah ghal piena karcerarja ta' erbgha (4) xhur, liema perjodu qed**

**jigi sospiz ghal perjodu ta’ sentejn (2) mill-lum ai termini ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Il-Qorti spjiegat lil hati fi kliem car, kemm r-responsabilita tieghu u x’jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu ta’ sentejn [2] snin u l-imputat iddikjara li fehem ben tajjeb.**

Il-Qorti tordna, wara li rat l-artikolu 403(1) tal-Kap 9, li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------